**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Pembroke

## DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 08/2025 (laqgħa tal-lokalita')

**L-Erbgħa 25 ta' Ġunju, 2025**

Il-Kunsill Lokali Pembroke Itaqa' fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Alamein, Pembroke, fis-18:00.

**PREŻENTI:**

Av. Kaylon Zammit – Sindku

Adrian Dominic Ellul Grech – Viċi Sindku

Therise Abela – Kunsillier

Carmel Cesare – Kunsillier

Raymond Lanzon – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kevin Borg – Segretarju Eżekuttiv

Madwar 23-il persuna kienu preżenti. **(Ara Dok. 1)**

## Minuti

Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippresjeda l-laqgħa.

### 08.01 Qari tal-ittri ta' apoloġija.

08.01.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit informa lill-Kunsill li ma kienet waslet ebda talba t'apoloġija u l-membri kollha kienu preżenti.

### 08.02 Qari tal-Minuti 04/K8/2024.

08.02.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-Minuti referenza 04/K8/2024 kif ippreżentati fejn ittieħdu bħala moqrija ladarba kienu pubblikata.

### 08.03 Rapport amministrattiv għas-sena 2024.

08.03.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ta rendikont tal-ħidma tal-Kunsill tul is-sena 2024. **(Ara Dok. 2)**

### 08.04 Rapport finanzjarju għas-sena 2025.

08.04.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit talab lis-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg biex jagħti rendikont tal-bilanċi mis-sena 2024 u tad-dħul u l-infieq propost għas-sena 2025. **(Ara Dok. 3)**

### 08.05 Pjan ta' ħidma 2025/2029.

08.05.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ta rendikont ta' dak li hemm ippjanat għas-snin 2025/2029 fosthom:

- L-upgrading tal-Ġnien San Patrizju li għandu jinbeda fil-ġimgħat li ġejja,
- Il-kontinwazzjoni tax-xogħol ta' bdil ta' servizzi u tarmak fi Triq l-Imħallef William Harding u Triq Salvatore Castaldi,
- Il-bdil fil-konfini tal-lokal biex tiġi rispettata l-istorja ta' Pembroke,
- L-upgarding ta' Triq Emmanuel Decelis,
- L-upgrading ta' Triq Pietru Darmenia,
- L-Upgrading ta' Triq il-Profs Walter Ganado,
- L-installazzjoni ta' dawl li jaħdem b'enerġija nadifa f'parti minn Triq il-Mediterran,
- L-installazzjoni ta' lampi tad-dawl b'LED fi Triq ANZAC, Triq Madre Margherita de Brincat, Triq il-Fortizza, Triq Manuel Buhagiar, u l-parkeġġ ta' wara Pembroke Athleta,

- Jiġi finalizzat ix-xogħol t'upgrading tal-latrina fil-Ġnien Madre Teresa ta' Kalkutta,
- Jibda u jiġi finalizzat ix-xogħol t'upgrading tal-latrina fil-Ġnien 4 ta' Lulju,
- Possibilment jinbeda x-xogħol fuq il-proġett ta' Vjal Kulħadd,
- Upgrading tal-Picnic Area, u
- Il-possibilita' ta' dog park fil-lokal.

08.05.2 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit stieden lil rappreżentanti ta' Project Green (Il-Perit Mirco Azzopardi) biex jagħmel preżentazzjoni dwar il-proġett li ser isir fiż-żona ta' San Patrizju. Minn PG kienu preżenti ukoll il-Perit Beverly Costa, u l-Project Manager Joseph Borda.

08.05.3 Wara preżentazzjoni li saret, is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit stieden lir-residenti preżenti biex jagħmlu l-kummenti tagħhom, inkluż lill-membri tal-Kunsill tat-tfal li ġew mistiedna għall-laqgħa.

08.05.4 Is-sur David Zammit minn Triq William Harding ressaq ilment dwar Ġnien San David, fejn irrimarka li bħalissa l-arbuxelli huma mgħottija b'ħaxix ħażin u ser jispiċċaw imutu, u għalhekk appella lill-PG biex issir il-manutenzjoni meħtieġa. Dwar ix-xogħol ta' IM li qed isir fi Triq William Harding, il-kelliem irrimarka li l-kuntrattur li qed jagħmel ix-xogħol qala xi pjanti u ser jispiċċaw imutu u talab li tittieħed azzjoni.

08.05.5 Is-sur Walter Busuttil minn Triq William Harding irrakkomanda li huwa mportanti l'issir ko-ordinazzjoni bejn l-entitajiet biex l-infrastruttura tat-toroq issir qabel il-proġetti u dan biex dak li qed jiġri fi Triq William Harding ma jsirx f'postijiet oħra. Irrimarka li l-passaġġ hemm bżonn l'issir manutenzjoni tiegħu peress li naqas iż-żrar u forsi hemm bżonn isir topping.

08.05.6 Is-sur Carmel Dimech minn Triq San Patrizju rrimarka li huwa kuntent bil-ġnien propost iżda rrimarka li ser jitnaqqas l-ammont ta' parkeġġ għar-residenti, u talab li jiżdied il-parkeġġ. Tqajjem ukoll il-punt li ma hemmx bżonn bandli fl-akwata minħabba li ma hemmx tfal fl-akwata.

08.05.7 Is-sur Kevin Mifsud irrimarka li ma hemmx post t'aktar parkeġġi għax ma hemm ebda problema ta' parkeġġ. Irrimarka li fejn joqgħod huwa, quddiemu fil-passat kienet ħamrija u xi darba saret konkos u jixtieq li terġa' issir ħamrija.

08.05.8 Il-Perit Beverly Costa rrimarkat li Project Green diġa jafu bil-każ tas-sur Mifsud u qed jesploraw x'jista' isir.

08.05.9 Ms. Andrea Catania f'isem il-Kunsill tat-tfal rrimarkat li t-tfal jixtiequ li jkollhom l-opportunita' li jibgħatu xi proposti.

08.05.10 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit irrimarka li l-membri tal-Kunsill tat-Tfal huwa mistenni minnhom li jibgħatu l-kummenti u l-proposti tagħhom.

08.05.11 Il-Perit Beverly Saliba rrimarkat li l-għan ta' PG huwa li tisma u tikkonsulta u tagħti valur għall-kummenti tat-tfal u żgħażagħ biex jiġu mħeġġa jagħmlu użu minn postijiet fin-natura.

08.05.12 Is-sur Charles Borg ilmenta li hemm inkonvenjent ikkawżat mill-użu tal-multi purpose court ta' Ġnien 4 ta' Lulju, u talab biex ikun jaf meta ser jingħalaq.

08.05.13 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit irrimarka li l-Kunsill qed jesplora x'jista' isir biex jiġi installat materjal li jnaqqas il-ħoss u l-inkonvenjent tar-residenti. Il-kelliem irrimarka li jekk jingħalaq ser jerġa' jibda l-vandaliżmu.

08.05.14 Is-sur Mario Zerafa rrimarka li l-proġetti ta' PG qed tnaqqas il-parkeġġ u għalhekk irrakkomanda li jekk huwa possibbli, il-ġonna għandhom jinbnew fuq under ground parking.

08.05.15 Il-Perit Beverly Saliba rrimarkat li mhux f'kull post hemm problema ta' parkeġġ, u l-iskop ta' proġetti simili huwa li n-nies jaslu bil-mixi jew b'metodi oħra ta' trasport.

08.05.16 Ms. Nina Galea irrimarkat li jekk ma jkunx hemm bandli, it-tfal jispiċċaw fuq il-mobile, u jekk ikun hemm bżonn jingħalaq f'ċerti ħinijiet.

08.05.17 Is-sur David Zammit staqsa jekk huwiex possibbli li l-parkeġġi li hemm, jinżammu għar-residenti biss.

08.05.18 L-Av. Noel Camilleri rrimarka li jekk huwa possibbli fil-Ġnien San David issir xi tip ta' tabella li tindika l-iskop tal-isem, irrimarka li dwar Triq Decelis jidher li hemm problema tad-dranaġġ u talab li għalkemm hija fil-konfini ta' San Ġiljan, ikun hemm intervent mill-Kunsill Lokali Pembroke. Il-kelliem staqsa ukoll x'pożizzjoni ser jieħu l-Kunsill dwar l-estensjoni tal-proġett ta db Group.

08.05.19 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit irrimarka li dwar il-proġett tal-permess tad-db Group, il-Kunsill huwa konxju li daħlet applikazzjoni fil-jiem li għaddew u l-Kunsill ser ikun qed isegwi mill-qrib dak propost. Il-kelliem żied li l-Kunsill ser ikun qed jevalwa s-sitwazzjoni, u ser iżomm laqgħat mal-iżviluppatur, kif ukoll li f'kull deċiżjoni li ser jieħu l-Kunsill, din ser tittieħed fl-aħjar interess tar-residenti. Il-kelliem żied li fid-dawl li hemm diġa żvilupp, is-sitwazzjoni hija totalment differenti.

08.05.20 Ms. Sofia Fsadni ilmentat li ma tistax toħroġ mill-garaxx meta jkun hemm bżonn ambulanza u talbet li jkollha reserved for disabled.

08.05.21 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit irrimarka li minħabba li s-sinjura għandha garaxx mad-dar, ma jistax ikollha reserved for disabled quddiem id-dar tagħha u għalhekk TM ma tistax tapprova t-talba tagħha.

08.05.22 Ms. Juliana Micallef Cann irringrazzjat lill-Kunsill li qed jieħu ħsieb il-ġnien ta' ħdejn il-madonna u talbet biex isir iktar tindif, knis u t-tisqija issir tal-anqas darba fil-ġimgħa.

08.05.23 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit irrimarka li l-Kunsill għandu l-limitazzjonijiet tiegħu.

08.05.24 Ms. Elizabeth Louise Saberton staqiet x'ħin suppost inaddfu t-triq id-db Group, peress l'ilmentat li t-toroq qed jinħaslu filgħodu, kif ukoll li qed jinħoloq periklu mill-vetturi kbar telgħin minn Triq il-Pumpier Joseph Zammit, kif ukoll dwar il-problema tal-ilma fi Triq Pietro Rossell li meta tagħmel ix-xita għax jegħreq il-parti tal-paviment.

08.05.25 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit irrimarka li t-tindif qed isir, u dwar il-ħinijiet ser jara x'ħin ikun l-aħjar ħin, dwar il-problema tal-housing irrimarka li l-ħsarat li hemm suppost ser jiġu rranġata mill-Awtorità tad-Djar u dwar is-siġar li hemm, il-problema hija kbira u l-Kunsill ma jistax jagħmel tajjeb għall-ħsarat li jista' tiġi kkawżata u għalhekk qed tintalab l-għajnuna tal-

awtoritajiet. Il-kelliem irrimarka li Awtorità tad-Djar ser tirranġa biss il-partijiet fiż-żona tal-komun.

08.05.26 Is-sur Austin Duca staqsa min ser jerfa' responsabbiltà dwar ħsarat li qed jiġu kkawżata minħabba l-iżvilupp ta' db Group.

08.05.27 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit appella lir-residenti li min għandu xi ħsarat, il-Kunsill lest jigwidhom fil-proċess mal-iżviluppatur.

08.05.28 Is-sur Flavio Abdilla staqsa jekk fi Triq G Henin jistax jitħawwlu palm aktar twal.

08.05.29 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit irrimarka li kull pjanta trid tingħata ż-żmien biex tikber, bħal ma sar tul Triq il-Mediterran.

08.05.30 Is-sur Arthur Borg irrakkomanda li jinstab post alternattiv għall-AACC.

08.05.31 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit irrimarka li hija x-xewqa li l-anzjani jkomplu jiżdiedu u jkomplu jingħaqdu, u għalhekk il-Kunsill qed jaħdem fuq binja u wiegħed li l-Kunsill ser jasal dwar dan.

08.05.32 Is-sur Mario Zerafa talab li jsiru tabelli ta' One Way biswit l-iskola primarja u issir one way system minħabba l-periklu li jkun hemm.

08.05.33 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit irrimarka li hemm problema minħabba l-wisa tat-toroq tal-madwar.

08.05.34 Is-sur Walter Busuttil irrimarka li dwar il-binja ta' db Group huwa tal-opinjoni li ebda resident ma jrid li jiżdied l-għoli tal-binja. Il-kelliem talab li jkun hemm żona ta' residential parking fl-akwata ta' Triq l-Imħallef William Harding, u staqsa dwar x'pożizzjoni ser jieħu l-Kunsill dwar il-proġett tal-Villa Rosa, dwar l-anzjani x'possibilità' hemm li tintuża s-sala tal-knisja jew l-iskola.

08.05.35 Is-sur Austin Duca irrimarka li hemm ukoll il-possibilità' li jiġi żviluppat is-sit tal-Corinthia.

08.05.36 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit irrimarka li dwar il-Corinthia s'issa għad ma hemm xejn konkret. Dwar residential parking irrimarka li l-Kunsill diġa beda jaħdem fuq dan imma s-sitwazzjoni hija differenti peress li bħalissa l-iskema hija magħluqa, u meta tinfetaħ, il-Kunsill ser ikun wieħed minn tal-ewwel li jerġa japplika. Dwar Villa Rosa, il-kelliem fakkar li l-Kunsill oġġezzjona għall-emendi għall-pjan lokali.

08.05.37 Is-sur David Zammit irrimarka li hemm problema tad-dranaġġ fi Triq Decelis.

## 08.06 Tmiem tal-laqgħa.

08.06.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għalaq il-laqgħa fit-20:20.

**Konfermati, illum 30 ta' Lulju, 2025**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMAT** | **IFFIRMAT** |
| Av. Kaylon Zammit | Kevin Borg M.Sc. (Gov & Mngt) |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |